MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2008

Appell Kriminali Numru. 399/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Adrian Zammit u**
**Victor John Borg**

## Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva fit-12 ta’ April 2001 kontra **Adrian Zammit**, imwieled fis-6 ta’ April 1978, bin Angela Zammit, numru tal-karta ta’ l-identita` 198078(M) u **Victor John Borg**, imwieled fil-5 ta’ Mejju 1983, bin Victor u Mirian nee` Xerri, numru tal-karta ta’ l-identita` 12783(G) talli fl-11 ta’ April 2001 u fis-sentejn qabel din id-data:

- Adrian Zammit (**i**) kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta u psikotropika (*ecstasy*) kontra l-ligi, liema droga nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kenitx ghall-uzu

esklussiv tieghu; u (**ii**) kellu fil-pussess tieghu id-droga kokajina bi ksur tal-ligi; u

- Victor John Borg (**i**) kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta u psikotropika (*ecstasy*) kontra l-ligi, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kenitx ghall-uzu esklussiv tieghu; (**ii**) kellu fil-pussess tieghu id-droga kokajina bi ksur tal-ligi, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kenitx ghall-uzu esklussiv tieghu; u (**iii**) kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mil-pjanta *cannabis* bi ksur tal-ligi;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-9 ta' Novembru 2007 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi **Adrian Zammit** hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u, b'applikazzjoni fost ohrajn ta' l-Artikolu 29 tal-Kap. 101 u l-Artikolu 120A(2B) tal-Kap. 31, ikkundannatu hdax-il (11) xahar prigunerija u multa ta' hames mitt lira (Lm500) (pagabbli din il-multa b'rati ta' hamsin lira fix-xahar, bl-ewwel pagament fi zmien erba' gimghat mid-data tas-sentenza u bid-dekadenza mill-beneficcju tal-hlas rateali fin-nuqqas tal-hlas ta' xi pagament); kif ukoll sabet lil **Victor John Borg** hati skond l-imputazzjoni (**i**), *supra* izda biss fil-livell ta' pussess semplici tad-droga *ecstasy*, hati skond l-imputazzjoni (**ii**), cioe` hati ta' pussess tad-droga kokajina bi ksur tal-ligi liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kenitx ghall-uzu esklussiv tieghu, izda sabitu mhux hati ta' l-imputazzjoni (**iii**), cioe` mhux hati tal-pussess tar-raza mehuda mill-pjanta *cannabis*, u, b'applikazzjoni fost ohrajn ta' l-Artikolu 29 tal-Kap. 101 u l-Artikolu 120A(2B) tal-Kap. 31, kif ukoll ta' l-Artikolu 37 tal-Kap. 9 stante l-eta` ta' dan Borg fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reati, ikkundannatu disa' (9) xhur prigunerija u multa ta' erba' mitt lira (Lm400) (pagabbli din il-multa b'rati ta' hamsin lira fix-xahar, bl-ewwel pagament fi zmien erba' gimghat mid-data tas-sentenza u bid-dekadenza mill-beneficcju tal-hlas rateali fin-nuqqas tal-hlas ta' xi pagament); dik il-qorti ordnat ukoll id-divjet tal-pubblikazzjoni ta' isem il-hati Borg minhabba li dan kien minorenni fiz-zmien tar-reati, kif ukoll ordnat id-distruzzjoni tad-droga in kwistjoni taht is-supervizjoni tar-Registratur;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Adrian Zammit, minnu pprezentat fid-19 ta’ Novembru 2007, li permezz tieghu talab ir-riforma ta’ l-imsemmija sentenza; rat ukoll ir-rikors ta’ Victor John Borg, minnu pprezentat ukoll fid-19 ta’ Novembru 2007, li permezz tieghu huwa wkoll talab ir-riforma ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat akkuratament l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

Dan il-kaz jirrigwarda s-sejba ta’ kwantita` ta’ pilloli *ecstasy* u ta’ kokajina waqt *road block* mill-pulizija fil-11 ta’ April 2001 fil-vicinanzi tac-Cirkewwa. Instabu effettivament 44 pillola *ecstasy* li Zammit jammetti li kien xtara dak in-nhar stess (huwa jammetti li kien xtara 50 pillola, izda sitta minnhom warrabhom mal-ewwel u poggihom id-dar), u 11.08 gramma kokajina li Borg ammetta li kien ukoll xtara dak in-nhar stess (dana Borg infatti ammetta li kien xtara 14-il gramma bil-prezz ta’ Lm38 il-gramma). In segwitu fir-residenza ta’ Zammit, wara li saret hemm perkwisizzjoni, instabet ukoll kawntita` zghira ta’ kokajina – 0.32g – li l-imsemmi Zammit jammetti li kien xtara xi gimgha qabel.

Il-qofol taz-zewg appelli ma jirrigwardax il-kwistjoni ta’ jekk dak li nstab kenitx droga o meno, jew jekk id-droga kenitx tappartjeni lil wiehed jew lill-iehor. Il-pern taz-zewg appelli jirrigwarda l-konkluzzjoni milhuqa mill-ewwel qorti li l-pilloli *ecstasy* ta’ Zammit kif ukoll il-kokajina ta’ Borg instabu taht cirkostanzi li juru li dawn ma kienux ghall-uzu esklussiv tal-pussessur. Ghall-kjarezza tajjeb li jigu kkunsidrati l-appelli separatament.

Fl-appell tieghu Zammit jillanja fl-ewwel lok li l-ewwel qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx tasal ghall-konkluzzjoni li kien gie sodisfacentement pruvat mill-prosekuzzjoni li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu. Aggravju iehor hu li *dato ma non concesso* li l-prosekuzzjoni ppruvat li l-44 pillola ma kienux ghall-uzu esklussiv tieghu, kollox kien jindika li *se mai* huwa kien ser jikkonsma l-istess *ecstasy* “ma’ siehbu u mhux jitraffikaha”, b’mod ghalhekk li kien applikabbli l-

ewwel *proviso* tas-subartikolu (9) ta' l-Artikolu 22 tal-Kap. 101, dak li normalment jissejjah "il-*proviso* dwar *sharing*". Jilmenta wkoll li l-ewwel qorti, fis-sentenza taghha, ma semmietx ix-xhieda tas-Supretendent Sandro Gatt u kemm dan (Zammit) kien ghen lill-pulizija u li ghalhekk kellu jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap 101 (kif applikabbli ghall-Kap. 31). L-appellant jghid specifikatament *"Fil-fatt il-Qorti ghalkemm tghid li rat l-Artikolu in kwistjoni, ma tantx donnha qisitu, u lanqas jinghad jekk dan giex meqjus bi grad jew tnejn".* Fl-ahharnett l-appellant Zammit jilmenta dwar il-piena fuqu inflitta in vista tal-fedina penali nadifa tieghu, tal-fatt li huwa rriabilita ruhhu mill-problema tad-droga li kellu u tat-trapass taz-zmien minn meta sehh ir-reat.

Dwar l-ewwel punt, cioe` dwar jekk giex sodisfacentement pruvat li d-droga *ecstasy* ma kenitx ghall-uzu esklussiv ta' l-appellant Zammit, din il-Qorti, bhal dik ta' qabilha, hi tal-fehma li hawn si tratta ta' apprezzament tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kif ukoll tal-kredibilita` ta' l-appellant Zammit meta huwa xehed quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Din il-Qorti, ghalkemm hija sodisfatta li Zammit kien dipendenti fuq din id-droga u li *"[he] was unable to enjoy himself unless under the influence of drugs"* [1] tikkondividi pjenament l-analizi minuzjuza li ghamlet l-ewwel qorti fis-sentenza taghha. Zammit mhux biss xtara l-pilloli bid-dejn ghax ma kellux Lm255 (huwa xtrahom bil-prezz ta' Lm4.50), izda, wara li apparta sitta minhom u hallihom id-dar, baqa' jdur bil-bqija fuqu. L-ispjegazzjoni tieghu – moghtija kemm fl-istqarrija maghmula lill-pulizija kif ukoll meta ddepona quddiem l-ewwel qorti – u cioe` li l-pilloli (44) kien bi hsiebu jaghtihom lil Borg biex dan jahbihomlu x'imkien Ghawdex, halli meta hu (Zammit) jitla' ghal xi gimghatejn Ghawdex, isibhom hemm, hija inverosimili ghall-ahhar, tenut kont specjalment tal-fatt (kif irrizulta mid-deposizzjoni tieghu in kontro-ezami, fol. 159) li hu kien ghadu ma ghamilx pjanijiet konkreti dwar fejn kien ser joqghod Ghawdex, kif kien ser jiffinanzja il-mawra tieghu f'dik il-gzira, u anqas meta ezatt kien ser jitla'. In fatti meta ddepona qal li kellu l-hsieb jitla' Ghawdex xi

[1] Ara r-rapport ta' l-Agenzija Sedqa, Dok. JC1 a fol. 80, u fol. 82.

gimgha wara d-data li nqabad bid-droga. Jekk dan hu minnu, u jekk hu minnu wkoll li huwa kien jikkonsma massitta jew seba' pilloli *ecstasy* kuljum, allura dan kien ser ifisser – galadarba kien apparta biss sitt pilloli – li kien ser jaghmel kwazi gimgha minghajrhom! Thares minn fejn thares lejn l-istqarrija u d-deposizzjoni ta' dana l-appellant, wiehed isib biss kontradizzjonijiet u tentattiv fjakk biex jipprova jiggustifika kif, fil-11 ta' April 2001, huwa kien qed idur b'44 pillola fuqu li ghalihom huwa kien ghadu ma hallasx. Tenut kont ta' dawn ic-cirkostanzi l-ewwel qorti kienet altru milli gustifikata li tasal ghall-konkluzzjoni li dawk l-44 pillola ma kienux ghall-uzu esklussiv ta' l-imsemmi Zammit.

Anqas ma hu l-kaz, kif tajjeb osservat l-ewwel qorti, li dan kien xi kaz ta' "sharing" kif kontemplat fil-*proviso* ta' l-Artikolu 22(9) tal-Kap. 101. Ma hemm ebda indikazzjoni, wisq anqas prova, li Zammit kien ser jikkonsma dawk il-pilloli kollha f'xi post partikolari flimkien ma' ohrajn. Din il-linja difensjonali, ga mressqa quddiem l-ewwel qorti u minnha skartata, hija totalment infondata.

Infondat ukoll huwa l-aggravju dwar l-Artikolu 29 tal-Kap. 101. L-ewwel qorti ma kenitx tenuta li toqghod tirrepeti dak kollu li qal is-Supretendent Gatt meta ddepona fit-28 ta' Frar 2006 (fol. 176 *et seq.*). Din il-Qorti, pero`, hi sodisfatta li l-ewwel qorti applikat l-Artikolu 29 ghax dan jissemma specifikatament u apparti mid-disposizzjonijiet l-ohra tal-ligi applikabbli, fid-dispozittiv tas-sentenza. Anqas ma kien neccessarju ghall-ewwel qorti li tispjega jekk kenitx ser tapplika riduzzjoni ta' grad jew tnejn – meta wiehed iqis li l-piena massima applikabbli f'dan il-kaz kienet ta' ghaxar snin prigunerija, il-piena erogata ta' hdax-il xahar prigunerija kienet pjenament fil-parametri tal-ligi anke jekk wiehed jikkunsidra tnaqqis ta' zewg gradi.

Kwantu ghall-aggravju fuq il-piena, din il-Qorti, wara li hasbet fit-tul u wara li kkunsidrat ir-rapporti ezibiti dwar il-progress li l-imsemmi appellant Zammit ghamel f'dik li hija r-riabilitazzjoni tieghu mill-problema tad-droga, hija propensa li tapplika, ghal dik li hi piena karcerarja, il-piena minima stabbilita mill-ligi. Din il-Qorti taghmilha cara li hija

ma hi xejn impressjonata bl-aggravju dwar iz-zmien li hadet din il-kawza biex tigi deciza mill-ewwel qorti, meta wiehed jikkonsidra li dan id-dewmien kien f'parti mhux traskurabbli dovut ghad-diversi differimenti mitluba mill-istess difiza!

Il-Qorti ser tghaddi issa biex tikkunsidra l-appell ta' Borg. Ir-rikors ta' appell tieghu hu mmirat biex jipprova ossia biex jikkonvinci lil din il-Qorti li l-ewwel qorti ma kenitx korretta meta kkonkludiet li l-kokajina li huwa kellu fil-pussess tieghu meta nqabad fir-*road block* ma kenitx ghall-uzu esklussiv tieghu. Jillanja wkoll li l-ewwel qorti kienet ukoll skorretta meta kkonkludiet li huwa kellu pussess, ghalkemm pussess semplici, tad-droga *ecstasy*. Subordinatament u bla pregudizzju, l-appellant Borg jilmenta dwar il-piena fuqu inflitta.

Il-Qorti ser tezamina l-ewwel l-aggravju dwar il-pussess tal-pilloli *ecstasy*. Skond l-appellant Borg, galadarba Zammit baqa' dejjem fil-kontroll effettiv tal-44 pillola in kwistjoni, huwa (cioe` Borg) ma seta' qatt jinstab hati ta' pussess ta' l-istess pilloli. Din il-Qorti semplicement ma tistax taqbel ma' din it-tezi. "Pussess", fir-rigward ta' pussess ta' droga, jista' jkun hemm pussess materjali (*physical possession*) – bhal meta persuna jkollha f'idejha u konsapevolment, u ghal raguni mhux lecita, id-droga in kwistjoni – jew pussess legali (*constructive possession* jew *custody or control*) – bhal meta persuna, konsapevoli li dak l-oggett huwa droga u minghajr l-awtorizzazzjoni tal-ligi, tkun halliet jew hbiet dik id-droga x'imkien fejn tista' ssibha u allura dik il-persuna jkollha forma ta' kustodja jew kontroll fuqha. Kemm il-pussess materjali kif ukoll il-pussess legali jipprexxindu mill-kwistjoni ta' min hu s-"sid" ta' dik id-droga, cioe` min ikun akkwistaha jew kisibha, u jkun allura jirreklama li dik id-droga hija tieghu. Kif tajjeb osservat l-ewwel qorti fis-sentenza appellata, *"Ghall-finijiet ta' 'pussess' fil-kawzi ta' drogi, wiehed m'hemmx ghalfejn ikun is-sid tad-droga izda bizzejjed li jkollu xi forma ta' kontroll fuqha".* Inoltre, tnejn min-nies jew aktar jista' jkollhom pussess, fis-sens ta' kustodja jew kontroll, ta' l-istess droga fl-istess hin. Issa, mill-provi, u senjatament mill-istqarrija li Borg irrilaxxja lill-pulizija, jirrizulta li huwa

nghata minn Zammit il-pilloli *ecstasy* biex ighoddhom. Wara li ghaddhom, ghaddihom lil Zammit, izda dan qallu biex izommhom fl-istess pakkett tar-Rothmans Blue li fih Borg kellu l-kokajina. Dan il-pakkett kien materjalment f'idejn Borg meta waslu ghar-*road block*, u kien l-istess Borg li tefa' kollox, jigifieri l-pakkett bil-kokajina u bil-pilloli *ecstasy*, barra mit-tieqa. Ghalhekk il-provi juru bic-car li kemm Borg kif ukoll Zammit kellhom f'hinijiet differenti il-pussess materjali ta' dawn il-pilloli. Dana l-aggravju ta' l-appellant Borg qieghed, ghalhekk, jigi respint.

Kwantu ghall-kwistjoni tal-kokajina li kellu Borg, din il-kwistjoni effettivament tirrizolvi ruhha f'wahda ta' apprezzament tal-provi, biz-zewg provi principali jkunu l-istqarrija li l-appellant Borg irrilaxxja lill-pulizija wara li kien inqabad min-naha, u d-deposizzjoni tieghu quddiem l-ewwel qorti min-naha l-ohra. Huwa minnu, kif tajjeb josserva dana l-appellant, li wiehed irid jaghti l-piz debitu lill-provi l-ohra kollha, bhalma huma d-deposizzjoni u r-rapport ta' Josette Camilleri (ta' l-Agenzija Sedqa), u d-deposizzjonijiet ta' Noel Scerri (tal-Fondazzjoni Oasi) u tas-Supretendent Sandro Gatt (fol. 176) fost ohrajn; pero` l-fatt jibqa' li biex wiehed jikkonkludi jekk id-droga instabitx f'tali cirkostanzi li juru li ma kenitx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur – prova li trid issir sal-grad tal-konvinciment morali mill-prosekuzzjoni – il-prova ewlenija hija l-istqarrija msemmija, filwaqt li l-prova principali li qed tressaq id-difiza biex turi l-kuntrarju hija d-deposizzjoni ta' l-istess appellant moghtija quddiem l-ewwel qorti.

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa u fit-tul il-provi kollha, u hi tal-fehma li m'ghandhiex tiddisturba l-konkluzzjoni li waslet ghaliha l-ewwel qorti f'dan ir-rigward. Ghalkemm Josette Camilleri, fid-deposizzjoni taghha, tghid, pjuttost b'mod generiku, li kemm Zammit kif ukoll Borg *"it-tnejn kellhom problema pjuttost serja ta' addiction"*, fir-rapport taghha ma hemm ebda indikazzjoni ta' kemm dana Borg kien dipendenti fuq id-droga, ossia kemm kien jehodha regolarment u f'liema ammonti. Jinghad biss li *"On admission to Oasi rehabilitation centre Victor was assessed as a poly drug user. Whilst at secondary school he started abusing alcohol and soon moved to*

*experimenting with drugs. By the time he was at sixth form his addiction got out of control and this is the main reason why he failed to get his 'A' levels."* Kemm mill-istqarrija tieghu kif ukoll mid-deposizzjoni moghtija snin wara quddiem l-ewwel qorti, ma jirrizultax li l-appellant Borg kien tant dipendenti fuq il-kokajina li kellu bzonn jehodha kuljum u/jew f'xi kwantitajiet partikolari. In fatti, mistoqsi mid-difensur tieghu jekk wara l-ewwel esperjenza li huwa kellu mat-tfajla Ingliza li kienet bdietu fuq il-kokajina, huwa kompliex jiehu minn din id-droga wara li din it-tfajla kienet telqet minn Ghawdex, l-appellant wiegeb fin-negattiv:

**M. Inti wara din l-esperjenza tieghek ma' din l-Ingliza, inti kont hadt ergajt?**
**T. Wara li telqet hi ma kontx.**
**M. Ghaliex ma kontx hadt?**
**T. Ghax ma kontx naf minn fejn ha nsib?** [2]

U in kontro-ezami kompla jghid hekk:

**M. Meta din l-Ingliza telqet minn Malta tiftakar meta kien?**
**T. Ma niftakarx.**
**M. Jekk tahseb naqra lura ma tistax tghidilna xahar jew sena?**
**T. Ma nafx.**
**M. Kien hafna qabel ma ltqajt ma' dan il-persuna [il-Malti] li qdiek bid-droga kokajina?**
**T. Ara t-tfajla [Ingliza] kienet damet hawn xi xahrejn, tlieta kemm kont nafha jien jigifieri, u wara li telqet ghaddew xi xahrejn ohra u anke tlieta.**
**M. U x'gara f'dawk ix-xahrejn?**
**T. F'dawk ix-xahrejn kont nibza', ma kont naf lil hadd Ghawdex li kien jista' jissuplixxini u speci bqajt b'xejn avolja meta ppruvajtha jien kienet ghogbitni u xtaqt komplejt niehu minnha u *once* li sibt ergajt pruvajt li nerga' niehu minnha.** [3]

---

[2] Fol. 123. Ara wkoll in kontro-ezami fol. 133 u 134, fejn l-appellant Borg jispjega l-frekwenza u l-ammont ta' kokajina li huwa kien jiehu mat-tfalja Ingliza.

[3] Fol. 135, 136. Ara wkoll l-istqarrija tieghi, fejn ighid: "Jien ili niehu droga kokajina madwar sentejn ilu pero` jien ma niehux regolari. Jigifieri f'sentejn jien forsi hadt

Fid-deposizzjoni tieghu l-appellant fisser kif wara xi zmien huwa ltaqa' ma' persuna minn Malta li insertat kienet Ghawdex, gie d-diskors fuq id-drogi, u dan il-Malti offra li jipprovdilu l-kokajina. Huwa jghid li minghand dan il-Malti xtara darbtejn, cirkostanza li semmiha wkoll (u b'aktar dettal) fl-istqarrija tieghu. Fl-istqarrija tieghu lill-pulizija – stqarrija li kienet wahda cara hafna f'dawk li huma dettalji u li b'ebda mod ma taghti lil wiehed x'jifhem li min ghamilha kien taht l-influwenza tad-droga b'tali mod li seta' hawwad jew li kien mifxul (ghajr, naturalment, ghall-ansjeta` li tigi naturali wara li wiehed ikun inqabad jaghmel xi haga hazina) – l-appellant Borg fisser kif madwar gimgha w nofs qabel huwa kien xtara ghaxar grammi kokajina ghall-prezz ta' Lm38 kull gramma u li ghalhekk hallas b'kollox Lm380. Mistoqsi x'kien ghamel b'dan l-ammont ta' droga li kien ghadu kif xtara ftit aktar minn gimgha qabel, huwa wiegeb "Ma nwegibx". It-tieni darba – u allura ftit aktar minn gimgha wara li kien xtara l-ewwel darba – jghid li xtara erbatax-il gramma ghall-istess prezz, u ghalhekk hallas Lm532. Il-mistoqsija tigi wahedha: x'kien qed jaghmel b'dawn il-kwantitajiet kollha ta' kokajina fi zmien hekk qasir? L-ufficjal li kien qed jinterrogah ghalhekk staqsa lil Borg dik il-kokajina li kellu u li nstabet fuqu (instabet effettivament 11.08g) meta twaqqaf fir-*road block* ghal min kienet, u Borg rega' wiegeb "Ma nwegibx". Issa huwa minnu, kif tajjeb josserva l-abbili difensur ta' dana l-appellant, li meta persuna, li tkun qed tigi interrogata wara li tkun inghatat it-twissija, taghzel li ma twegibx ghal xi mistoqsija, ebda inferenza ta' htija ma tista' tingibed minn dik in-nuqqas ta' twegiba. Izda fin-nuqqas ta' tali twegiba, il-gudikant huwa xorta wahda intitolat li jara jekk l-ammonti ta' droga mixtrija fuq medda ta' ftit aktar minn gimgha, minn persuna li ma jirrizultax li kien *a heavy user* (pjuttost kien anzi *an occasional* jew *recreational user*), u fin-nuqqas ta' xi spjegazzjoni plawsibbli ta' fejn jew ghal min kienet destinata dik id-droga, kinitx tammonta ghal cirkostanza li dik id-droga ma kinitx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur. Ghalhekk din

madwar hmistax-il darba. Jien kont nohrog normali u ma kien ikun hemm xejn partikolari bhal okkazjonijiet. Jien l-aktar li kont gibdt kokajina f'daqqa kienu madwar tlett grammi." – fol. 21.

mhix inferenza min-nuqqas ta' twegiba, izda inferenza fin-nuqqas ta' spjegazzjoni. L-appellant, meta, snin wara, ddepona quddiem l-ewwel qorti – li allura kienet fil-posizzjoni li setghet tara anke il-komportament tieghu fuq il-pedana tax-xhieda – spjega li huwa l-ewwel darba kien xtara biss tlieta jew erba' grammi u li dawn kienu servewh ghal xi hamest ijiem biss, u li ghalhekk it-tieni darba kien xtara aktar biex jipprova jgebbidhom ghall-anqas ghal xahar. Huwa kompla jghid li xtara wkoll b'dik il-kwantita` biex ma jkollux ghalfejn joqghod jinzel Malta ta' spiss biex ma jaghtix fil-ghajn. Rinfaccjat mill-ufficjal prosekutur bil-fatt li *a tempo vergine* (cioe` meta rrilaxxja l-istqarrija) huwa kien ghazel li ma jwegibx x'kien ghamel bl-ghaxar grammi u ghal min kienu l-erbatax-il gramma flok ma stqarr (kif sahaq fid-deposizzjoni tieghu) li kienu ghalih u ghalih biss, l-appellant Borg qal li huwa wiegeb hekk, cioe` "Ma nwegibx", ghax kien ha minn dik id-droga u kien taht l-influwenza taghha, u ma jistax jghid ghal liema raguni ma wegibx[4]. Frankament din il-Qorti, bhal l-ewwel qorti, issib dawna l-isjegazzjonijiet alkwantu fjakki, mhux plawsibbli u manifatturati ghall-okkazjoni; bir-rizultat li, fid-dawl tal-ammont ta' droga involuta fuq periodu hekk qasir u fin-nuqqas ta' spjegazzjoni sodisfacenti *a tempo vergine*, l-ewwel qorti kienet intitolata li tasal ghall-konkluzjoni li c-cirkostanzi kienu juru li d-droga in kwistjoni ma kinitx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur. Jinghad finalment li kwantu ghas-suppost konsum tal-kokajina dik il-gurnata stess meta nqabad (u cioe`, allura, li kkonsma kwazi tlett grammi mill-14-il gramma li xtara), dan il-konsum jidher li gie indirettament michud mill-istess appellant Borg meta fin-nota ta' osservazzjoniet tieghu tat-2 ta' Frar 2007[5] jispjega d-diskrepanza bejn l-14-il gramma li hallas ghaliha u l-11.08 gramma misjuba, hekk: *"Jirrizulta li tant l-imputat ma kienx qed jakkwista l-istess [kokajina] ghal xi gwadann jew ghal xi uzu minn haddiehor, illi filwaqt illi hu hallas u minghalih inghata 14-il gramma, l-espert imqabbad mill-Qorti l-analista Godwin Sammut fid-dokument u relazzjoni tieghu sab fid-*

[4] Fol. 132. Ara wkoll fol. 137.
[5] Dok. A, fol. 185 *et seq.*

*dokument koncernat AUL201(b) 11.08 grammi – cioe` 3 grammi anqas vide fol. 50 tal-process.”*

Il-kumplament ta’ l-appell ta’ Victor John Borg jikkoncerna l-piena. Din il-Qorti tapprezza li llum l-appellant Borg jidher li ghamel progress sostanzjali f’dik li hi r-riabilitazzjoni tieghu. Wiehed irid izomm ukoll quddiem ghajnejh li meta huwa kkommetta dawn ir-reati, huwa kellu biss 17-il sena, u li ghalhekk ghandu juzufruwixxi, apparti mir-riduzzjoni ta’ l-Artikolu 29, anke mir-riduzzjoni minhabba l-eta`. Fic-cirkostanzi, din il-Qorti ma tara li ebda gid ma jista’ jinkiseb f’dan il-kaz minn periodu ta’ prigunerija twil, u ghalhekk, bhal fil-kaz ta’ Zammit, sejra tirridimensjona l-piena.

Ghall-motivi premessi tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha biss f’dik il-parti fejn ikkundannat lil Adrian Zammit ghall-piena ta’ hdax-il xahar prigunerija kif ukoll fejn ikkundannat lil Victor John Borg ghall-piena ta’ disa’ xhur prigunerija u minflok tikkundanna lil Adrian Zammit ghall-piena ta’ sitt (6) xhur prigunerija u lil Victor John Borg ghall-piena ta’ xaharejn (2) prigunerija; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija hlief ghad-divjet tal-pubblikazzjoni ta’ isem Victor John Borg, liema divejet qed jigi revokat. Dan qed isir peress li skond il-ligi – Artikoli 8 u 11(2) tal-Kap. 287 – tali divjet japplika biss meta l-persuna in kwistjoni tkun taht l-eta` ta’ sittax-il sena (Art. 2 ta’ l-imssemmi Kap. 287), u qorti m’ghandhiex timponi divjeti, a differenza milli taghmel semplicement suggerimenti, li ma jkunux imposti jew awtorizzati min jew skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------